**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY J. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 313/18 AV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici fit-2 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li lkoll ghadhom minorenni.

Illi l-partijiet huma separati legalment b'kuntratt datat 14 ta' Gunju, 2014 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Briffa.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni fuq riferit il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jesigu manteniment minghand xulxin.

Illi fir-rigward tal-manteniment pagabbli lir-rikorrenti mill-intimat ghat-tlett tfal minuri tal-partijiet, ir-rikorrenti tikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kondizzjonjiet kollha mehtiega ghal ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta ta’ B illi m’opponix ghat-talbiet kif dedotti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Gunju, 2014 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; Illi ir-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

It-terminu tal-appell minn din is-sentenza qed jigi abbrevjat ghal jum, bi qbil bejn il-partijiet.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**